C/2026/1837

23.3.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/1837)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Côtes de Thau"

Numru ta' Ref tal-UE: PGI-FR-A1229-AM02 — 23.12.2025

1. **Isem il-prodott**

Côtes de Thau

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ Denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)

☒ Indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)

☐ Indikazzjoni ġeografika (IĠ)

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☒ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jiddikjaraw li t-talba ppreżentata tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u Nru 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard skont id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Tabilħaqq, dawk l-emendi ma jitqisux bħala emendi tal-Unjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143. B'mod aktar speċifiku, huma:

(a) ma jemendaw la l-isem, la l-użu tal-isem, u lanqas il-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti deżinjati mill-indikazzjoni ġeografika;

(b) ma jirriskjawx li jxejnu r-rabta maż-żona ġeografika deskritta fid-dokument uniku;

(c) ma jinvolvux aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Varjetajiet tad-dwieli

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I, it-taqsima 5 – Varjetajiet tad-dwieli – tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau ġiet emendata. Il-lista tal-varjetajiet magħżula għall-produzzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau ġiet emendata kif ġej:

— Introduzzjoni ta' 17-il varjetà meqjusa bħala "reżistenti" għall-mard tad-dwieli:

Artaban N, Bronner B, Cabernet blanc B, Cabernet Cortis N, Floreal B, Johanniter B, Monarch N, Muscaris B, Pinotin N, Prior N, Saphira B, Sauvignac B, Solaris B, Soreli B, Souvigner gris B, Vidoc N u Voltis B.

Bi proprjetajiet fiżjoloġiċi u enoloġiċi simili għall-varjetajiet użati fil-produzzjoni tal-inbejjed tal-IĠP, dawn il-varjetajiet huma reżistenti għall-mard fungali u jnaqqsu l-ħtieġa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Ma jbiddlux il-karatteristiċi tal-inbejjed tal-IĠP.

☑ Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Tikkettar

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I, it-taqsima 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott – Regoli dwar it-tikkettar – ġiet emendata biex tkopri l-indikazzjoni tal-varjetà ta' għeneb Piquepoul biss, kif ukoll unitajiet ġeografiċi iżgħar, fuq it-tikketti tal-inbid.

Din id-dispożizzjoni ġiet issimplifikata biex tkopri biss il-varjetà ta' għeneb Piquepoul, u mhux il-varjetajiet ta' għeneb kollha tal-IĠP. Dan minħabba li hija biss l-varjetà ta' għeneb Piquepoul li tirriskja li toħloq konfużjoni għall-konsumaturi bejn it-tikkettar bil-varjetà ta' għeneb Piquepoul taħt l-IĠP Côtes de Thau, u t-tikkettar bid-DOP Picpoul de Pinet, peress li dawn il-prodotti jsiru f'żoni ta' produzzjoni qrib ħafna ta' xulxin.

Dawn ir-regoli dwar it-tikkettar jippermettu li l-isem tal-IĠP Côtes de Thau jiġi identifikat aktar faċilment mill-konsumaturi fir-rigward tal-isem tal-varjetà ta' għeneb u l-unità ġeografika supplimentari.

☑ Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Awtorità responsabbli għall-kontroll

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu III tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau ġie emendat biex tiġi ssimplifikata t-taqsima intitolata "Korp ta' spezzjoni", billi ġie speċifikat li l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott trid tiġi vverifikata abbażi ta' pjan ta' kontroll approvat u minn korp terz iddelegat mill-Isitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO, Institut national de l'origine et de la qualité) u li joffri garanziji ta' kompetenza, ta' imparzjalità u ta' indipendenza.

Din is-simplifikazzjoni ma taffettwax id-dokument uniku.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbejjed

"Côtes de Thau"

Numru ta' Ref tal-UE: PGI-FR-A1229-AM02 — 23.12.2025

1. **Isem/Ismijiet**

Côtes de Thau

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

5. Inbid spumanti ta' kwalità

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

1. *Deskrizzjoni analitika*

DESKRIZZJONI QASIRA

L-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau tkopri nbejjed ħomor, rożè u bojod spumanti, bla gass u ta' kwalità.

Il-livelli minimi u massimi għall-qawwa alkoħolika totali skont il-volum, l-aċidità totali, l-aċidità volatili u l-kontenut totali ta' diossidu tal-kubrit huma dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

B'deroga, il-kontenut tal-aċidità volatili għall-inbejjed b'kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju) ta' mill-inqas 45 gramma għal kull litru huwa kif stabbilit b'ordni maħruġa b'mod konġunt mill-Ministru għall-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Ministru għall-Agrikoltura.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum) 9

— Aċidità totali minima: —

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

2. *Karatteristiċi organolettiċi*

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed bla gass prodotti huma kkaratterizzati fuq kollox minn espressjoni ta' intensità aromatika u bilanċ ta' togħmiet sostnuti mill-freskezza. L-inbejjed bojod ġeneralment huma ta' kulur isfar ċar jgħajjat li jikkorrispondi għal kulur dehbi ċar. Is-sensazzjoni inizjali fil-ħalq hija kkaratterizzata minn noti taċ-ċitru u minn freskezza kbira. Fil-finitura, in-noti taċ-ċitru u/jew ta' frott eżotiku jistgħu jiżviluppaw flimkien ma' noti kemxejn amiliċi. Il-finitura hija twila, kultant bi ftit mineralità.

L-inbejjed rożè huma ċari kristall bi sfumaturi li jvarjaw minn kulur il-ħawħ ċar għal sfumaturi ta' vjola. Bħala riħa, għandhom aromi sottili u delikati ta' frott aħmar. Bħala riħa, għandhom aromi sottili u delikati ta' frott aħmar filwaqt li l-finitura jista' jkollha noti ta' ħelu mgħolli. Ġeneralment it-togħma ddum fil-ħalq, u joffru freskezza pjaċevoli.

L-inbejjed ħomor għandhom kuluri skuri bi sfumaturi qawwija. Ir-riħa hija qawwija b'noti ta' frott aħmar u tal-art moxa tal-lokal. Bħala togħma, is-sensazzjoni dominanti hija ta' nbid morbidu u frisk ibbażat fuq il-frott misjur.

L-inbejjed spumanti ta' kwalità għandhom bżieżaq fini u eleganti u freskezza pjaċevoli kkombinata ma' aromi ta' fjuri jew ta' frott, skont il-varjetajiet ta' għeneb użati fil-coupage

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum) —

— Aċidità totali minima: —

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

-

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

L-inbejjed għandhom ikunu konformi, fil-qasam tal-prattiki enoloġiċi, mal-obbligi stabbiliti fil-livell komunitarju kif ukoll fil-kodiċi rurali u tas-sajd marittimu.

7.2. *Rendimenti massimi*

1. Inbejjed rożè u bojod spumanti, bla gass u ta' kwalità

120 ettolitru għal kull ettaru

2. Inbejjed ħomor spumanti, bla gass u ta' kwalità

110 ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

Alicante Henri Bouschet N

Alphonse Lavallée N

Altesse B

Aramon N

Aramon blanc B

Aramon gris G

Aranel B

Arinarnoa N

Artaban N

Auxerrois B

Baco blanc B

Bronner B

Cabernet blanc B

Cabernet cortis N

Cabernet franc N

Cabernet-Sauvignon N

Caladoc N

Cardinal Rg

Carignan N

Carignan blanc B

Carmenère N

Chardonnay B

Chasan B

Chenanson N

Chenin B

Clairette B

Clairette rose Rs

Clarin B

Colombard B

Counoise N

Egiodola N

Floreal B

Gamay N

Gamay de Chaudenay N

Gewurztraminer Rs

Grenache N

Grenache blanc B

Grenache gris G

Gros Manseng B

Johanniter B

Lledoner pelut N

Marsanne B

Marselan N

Mauzac B

Merlot N

Meunier N

Monarch N

Muscadelle B

Muscardin N

Muscaris B

Négrette N

Parrellada B

Petit Manseng B

Petit Verdot N

Pinot gris G

Pinot noir N

Pinotin N

Piquepoul blanc B

Piquepoul gris G

Piquepoul noir N

Portan N

Prior N

Riesling B

Roussanne B

Saphira B

Sauvignac

Savagnin rose Rs

Sciaccarello N

Semillon B

Servant B

Seyval B

Solaris B

Soreli B

Souvignier gris Rs

Sylvaner B

Tannat N

Tempranillo N

Terret blanc B

Terret gris G

Terret noir N

Ugni blanc B

Verdelho B

Vidoc N

Villard blanc B

Villard noir N

Viognier B

Voltis B

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Il-ħsad tal-għeneb u l-produzzjoni u l-iżvilupp tal-inbejjed bl-IĠP Côtes de Thau jridu jsiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin fid-dipartiment ta' Hérault:

Agde, Balaruc-les-Bains, Balaruc-le-Vieux, Bouzigues, Castelnau-de-Guers, Florensac, Frontignan, Loupian, Marseillan, Mèze, Pinet, Pomerols, Poussan, Sète, Villeveyrac.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tal-IĠP Côtes de Thau tkopri 15-il muniċipalità tad-dipartiment ta' Hérault, li jiffurmaw anfiteatru madwar il-Laguna ta' Thau.

Il-baħar Mediterran, il-laguni, il-bajjiet u l-art moxa jiffurmaw ambjent naturali uniku li jipprovdi l-bażi ta' ekonomija u stil ta' ħajja. Il-Laguna ta' Thau teżerċita influwenza moderata fuq il-pajsaġġ u l-klima. Hija mifruda mill-Mediterran minn riżalt dejjaq imsejjaħ lido bil-Franċiż, fejn huma mħawla d-dwieli. Il-klima hija kkaratterizzata minn xita pjuttost qawwija fil-ħarifa u fix-xitwa filwaqt li x-xita fis-sajf hija skarsa iżda xi drabi b'maltempati. B'xorti tajba, iż-żiffiet mill-baħar jikkumpensaw billi jnaqqsu l-evaporazzjoni u jillimitaw ir-riskju tal-istress idriku. L-ammont ta' xita annwali huwa ta' madwar 600 mm. Il-Laguna ta' Thau, fil-prattika, hija baħar imdawwar bl-art b'tul ta' 20 kilometru. L-influwenza tagħha hija kruċjali.

L-ambjent akkwatiku jtaffi l-klima ħarxa Mediterranja b'temperaturi ħfief li huma ta' benefiċċju speċjali għas-sajran tal-varjetajiet tal-għeneb abjad.

Dan il-wirt naturali huwa marbut mill-qrib mal-assi ekonomiċi taż-żona, b'mod partikolari l-vitikultura, l-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, is-sajd u t-turiżmu ffukati, pereżempju, fuq l-għawm fil-baħar, l-ispas jew in-natura.

Ix-xejriet tal-konsumatur qed jevolvu favur inbejjed bojod friski u b'togħma ta' frott. It-terroir tal-inbejjed Côtes de Thau huwa partikolarment adattat għall-produzzjoni ta' dan it-tip ta' nbejjed. Din iż-żona ġeografika tgawdi kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija li jippermettu lill-varjetajiet tal-għeneb abjad isiru bil-mod.

L-inbejjed bla gass prodotti fiż-żona tal-IĠP Côtes de Thau jiġu fi tliet kuluri: abjad, rożè u aħmar. Hemm tradizzjoni stabbilita ta' nbejjed bojod xotti f'dan ir-reġjun. Fil-fatt, l-IĠP Côtes de Thau hija waħda mill-ftit li jipproduċu aktar inbejjed bojod milli ħomor.

Il-varjetà storika tal-għeneb dejjem kienet Terret B. Madankollu, hemm ukoll varjetajiet oħra minn partijiet differenti ta' Franza li jistgħu jtejbu ħafna l-aroma u l-kwalità.

Il-Côtes de Thau hija art bi tradizzjoni qadima, u l-vinji tagħha ilhom ħafna kkaratterizzati mill-fokus tagħhom fuq il-produzzjoni tal-inbejjed bojod. Madwar il-Laguna ta' Thau, din iż-żona tgawdi minn aspett u klima Mediterranja li huma partikolarment ta' benefiċċju għad-dwieli. Il-ħamrija, li spiss hija permeabbli, hija taħlita ta' ramel, trab ġulġlieni, tafal u ġebla tal-ġir. Din tippermetti li d-dwieli jiżviluppaw għeruq fondi filwaqt li jagħtu lill-inbejjed togħma ta' frott u freskezza.

Il-vinifikaturi idderiġew din il-produzzjoni lejn inbejjed friski u aromatiċi, billi użaw it-teknoloġija moderna kollha għall-estrazzjoni ħafifa u għall-kontroll tat-temperatura.

Bil-freskezza karatteristika tagħhom, l-inbejjed tal-IĠP Côtes de Thau jirriflettu l-klima speċifika ħafna madwar il-Laguna ta' Thau. Għalhekk imorru partikolarment tajjeb mal-frott tal-baħar prodott lokalment.

Il-vinifikaturi setgħu wkoll jadattaw għad-domanda tas-suq minn lil hinn mill-Baċir ta' Thau billi żviluppaw produzzjoni ta' nbejjed ħomor u rożè sinifikanti.

Fl-istess ħin, huma ddedikati għall-preżervazzjoni tal-bijodiversità konsiderevoli ħafna tar-reġjun tagħhom permezz ta' tekniki xierqa. Huma jipparteċipaw fl-iskema tal-"Baċir ta' Thau" stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Laguna ta' Thau hija ambjent kumpless u attraenti. F'dan ir-rigward, tipprovdi bażi eċċellenti għal edukazzjoni ambjentali soda. Il-vitikulturi qed jadattaw għal dawn il-kwistjonijiet billi jiżviluppaw prattiki li jirrispettaw il-bijodiversità madwarhom.

Il-laguna hija attrazzjoni turistika importanti. Din toffri għawm, sport akkwatiku, sajd, mixjiet b'tema, żjarat f'siti tal-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, u Cap d'Agde, żona li tilqa' mijiet ta' eluf ta' turisti kull sena.Dawn huma fatturi ewlenin fir-reputazzjoni tal-inbejjed Côtes de Thau.

Il-futur tal-vitikultura huwa marbut mill-qrib ma' dawn il-kwistjonijiet. Il-vinifikaturi jeżistu bis-saħħa tar-rabta b'saħħitha ħafna mal-Baċir ta' Thau.Il-protezzjoni ta' dan l-ambjent prezzjuż hija l-pedament li fuqu ġiet żviluppata l-IĠP u r-reputazzjoni tagħha stabbilita f'dan il-kuntest għani u kumpless.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni u l-iżvilupp ta' nbejjed bl-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau, tinkludi l-muniċipalitajiet li ġejjin li jmissu maż-żona ġeografika: Montagnac, Saint Pons de Mauchiens, Saint Pargoire, Plaissan, Cournonterral, Montbazin, Gigean, Vic la Gardiole, Saint Thibery, Pézenas, Nézignan l'Evèque, Bessan, Vias, Aumes, Cazouls d'Hérault.

Qafas legali

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit

L-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau tista' tiġi ssupplimentata bit-termini "primeur" (bikri) jew "nouveau" (ġdid).

Il-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea jidher fuq it-tikketta meta l-kliem "Indication géographique protégée" jiġi sostitwit bl-espressjoni tradizzjonali "Vin de pays".

L-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau tista' tiġi ssupplimentata bl-isem ta' varjetà ta' għeneb waħda jew aktar.

Meta jidher biss l-isem tal-varjetà ta' għeneb "Piquepoul", dan jista' jidher biss immedjatament taħt l-isem tal-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau. Id-daqs tal-ittri ma jridx ikun akbar, la fl-għoli u lanqas fil-wisa', minn nofs id-daqs ta' dawk użati għall-isem tal-IĠP.

L-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau tista' tiġi ssupplimentata bl-unità ġeografika iżgħar "Cap d'Agde".

Id-daqs tal-ittri użati għall-unità ġeografika iżgħar "Cap d'Agde" ma jridx ikun akbar, la fl-għoli u lanqas fil-wisa', minn dawk użati għall-indikazzjoni ġeografika protetta Côtes de Thau.

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-2be0b2aa-19dd-4eb7-aa62-96e0946c763a